

Nru. 8 - Diċembru 2017

# PARROĊĊA MDINA

**Katidral Metropolitan ta' San Pawl**
4/5 Pjazza San Pawl, Mdina MDN 1100, Malta.
Uffiċju Tel: 2145 6620 • Katidral Tel: 2145 4136
Email: parrocca.mdina@maltadiocese.org

## LISTA GĦALL-MILIED 2017

Kull sena meta jassal il-Milied taqbdek **ansjetà:** sa tagħmel, sa tixtri, **sejjer tagħti** rigal, se tinvita. Xewqan u mbeżża' tkun għax tkun **tlift** id-direzzjoni (il-boxxla) itrasformajna l-**faqar** tal-Milied fit-tberbiq ta' lussu.

Hawn ġirja sfrenetika biex tixtri "**presents**" għalik u għall-oħrajn. Ejjew inkunu aħna l-"**presents**". L-isport preferit f'dan iż-żmien hu **tgeżwer** il-pakketti, u r-rigali; kemm ikun aħjar li **tgeżwer** lil xi ħadd b'rispett u mħabba.

Kartolini, messaġġi u e-mail's li xi kultant bla sens **inberbqu**. Dal-Milied nixtiequ nibagħtu **barkiet**, xewqat ta' paċi mill-qalb. Għall-ikliet tal-Milied tant jinxtara u **jinħela** ikel: minflok **nagħtu l-ikel** għal min m'għandux għixa ta' lejl.

Aħna mssaħħrin biex nammiraw **id-dawl tal-Milied** li jgħammex u jsaħħarna; kieku flok tigosta d-dawl, **inkunu aħna d-dawl**, id-dinja tkun mdawla. B'hekk l-ansjetà tagħti postha lil **serenità** u Ġesù ma jkunx twieled għalxejn.

Nawguralkom Milied seren u qaddis. Agħtu ġesti żgħar ta' mħabba, li ma jqumux ħafna, iżda d-dawl tagħhom jiddi fil-qalb ta' dawk li jirċivuhom.

**IL-MILIED IT-TAJJEB - HAPPY CHRISTMAS**
**BUON NATALE - FELIZ NATAL - FELIZ NAVIDAD**

Tislijiet u Talb,

**Mons. Anthony Cassar**
Arċipriet

# NOVENA TAL-MILIED

Suġġett: ***Nistennew il-Miġja ta' Ġesù bl-Imħabba.***

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru

***Imsejħin għall-Imħabba.***

Qari: Mattew 21, 28-32 Parrabbola tal-Missier u żewġ ulied jistidinhom biex imorru l-għalqa.

***Riflessjoni:*** Kemm-il darba rċivejna sejħat simili għal dik tal-missier fil-parabbola biex uliedu jmorru jaħdmu fl-għalqa tad-dwieli? Meta ħadna l-istat tagħna per eżempju dak innhar tat-tieġ. Hu veru li l-impenn isarraf ħafna tbatija, izda ma nistgħux aħna ntellgħu wiċċ ta' o.k., u fl-fatt ma jkunx hekk. Ġesù qalilna li l-ħallelin u l-prostituti ikollhom post aħjar fis-saltna ta' Alla. Kemm messaġġiera Alla rrid jibgħat biex aħna nikonvertu u nikkollaboraw?

***Talba:*** Imbierek int Mulej u Alla tal-univers, għax int tajt ħajtek u iltqajt magħna. Inti l-għerq tal-imħabba li teżisti bejna u bejnek, u din tiddependi minna kemm tkompli tissaħħah u tisbieħ, kull darba li tinħeles mis-suppervja u l-egoiżmu, għat tfittxija tal-ġid għal haddieħor. Hekk biss nistgħu nesperjenzaw u nkunu xhieda tal-imħabba tiegħek bla ebda limiti. AMMEN.

## It-Tnejn, 18 ta' Diċembru

***Imsejħin biex kulljum inwieġbu għall-proġett ta' Alla.***

Qari: Luqa 1, 26-38 It-Tħabbira tal-Anġlu lil Marija u t-tweġiba tagħha.

***Riflessjoni:*** Nitgħallmu minn Marija li nkunu disponibbli għal kull ma l-Mulej jitlob, anke jekk dan mhux dejjem jinkonċedi mal-ħsieb tagħna. F'ħajjitna nirċievu diversi sinjali dwar liema toroq għandna naqbdu, xi kultant ma nindunawx bihom, lanqas nifhmuhom, ukoll ma naċċettawhomx, allura bħal Marija niftħu qalbna u nisimgħu. Marija, allavolja ma feħmitx, ma kinitx taf eżattament ir-rieda ta' Alla għaliha, żammet qawwija. Ejjew aħna wkoll nafdaw f'Missierna tas-sema għax nemmnu li Hu jħobbna u nitolbu l-interċessjoni tal-Ispirtu s-Santu għax permezz tal-għajnuna tiegħu nistgħu nwettqu l-ħsieb ta' Alla għalina.

***Talba:*** O Missier ħanin, fuq l-eżempju ta' Marija Omm Ġesù u ommna, għandna x-xewqa li tikber kulljum ix-xewqa li nfittxuk. Dan nagħmluh permezz tal-Kelma u ta' talb fil-kwiet, għax ħajjitna hi msejsa fuq il-Kelma tiegħek li twassal għall-frott ta' ferħ, paċi, u tjubija, jekk aħna ngħixu qribek. AMMEN.

**It-Tlieta, 19 ta’ Diċembru**

***Imsejħin li naqsmu bil-ferħ ma’ ħaddieħor.***

Qari: Luqa 1, 39-45 Iż-żjara ta’ Marija lil kuġinitha Eliżabetta.

***Riflessjoni:*** L-ewwel frott li ġab l-Emmanwel fid-dinja kien is-servizz, infatti Marija mnebbħa mill-Iben, tmur tgħin lil Elizabetta. Din l-imġieba antiċipat dak li Ġesù għamel fl-aħħar ċena mal-appostli,ħaslilhom saqajhom. (Ġwanni 13,4-16) Aħna l-Insara msejhin biex ikollna dan l-atteġjament. Is servizz jimpenjana biex aħna nkunu proxxmu u mhux semplicement benefatturi. B’hekk inkunu qed ngħixu l-istess karità li Marija għexet biex tkun ħabiba tal-“fqir”.

***Talba:*** Mulej Ġesù agħmel li aħna l-Kbar, u l-ġenituri, nkunu nistgħu nikkomunikaw din l-imħabba lil uliedna, għax dan hu l-akbar rigal li nistgħu nagħtuhom. Għinna Mulej biex nitgħallmu naqsmu l-ħobż ma’ min hu bil-guħ, nagħtu mħabbbitna lil min hu marid u fqir u li jinsab waħdu. Alla ta’ ferħ u paċi, agħmel li l-familji tagħna jimxu toroq li jemmnu f’imħabbtek anke meta fiż-żmien tal-prova, waqt li ngħixu fit-tama li niltaqgħu wiċċ imbwiċċ. AMMEN.

**l-Erbgħa, 20 ta’ Diċembru**

***Aħna msejħin biex nitolbu fil-familja.***

Qari Luqa 1, 46 - 55 it-Talba ta’ Marija, tifhir lil Alla, Magnificat, Kantiku ta’ Marija.

***Riflessjoni:*** l-ewwel kliem tal-kantiku “Ruħi”, u “tfaħħar il-Mulej” u wara “u l-ispirtu tiegħi jifraħ f’Alla” dawn ma setgħetx tgħidhom jekk Marija ma kinitx fil-mixja ta’ fidi, u fid-dawl tal-Kelma ta’ Alla. F’soċjetà fejn jirrenja l-individwaliżmu fejn il-ħajja tal-familja hi mhedda kontinwament bis- separazzjonijiet, koppji mhux miżżewġa jgħixu flimkien, divorzi, fejn il-Pre-Potenti jiffaċilitaw politika ta’ utilitariżmu; Marija hi l-lqugħ tal-familja u tal-fqar billi tipproponi mixja ta’ fidi u tas-servizz għall-oħrajn ibbazata fuq il-karità fuq il-qsim fratern, perseveranza u fl-abbandun tal-Providenza ta’ Alla. Nduru lejn Marija, Reġina tal-Familji u tal-fqar, sakemm aħna bħalha nitgħallmu nfaħħru lil Alla, billi ngħixu l-umiltà u servizz, il-punti għoljin tal-Kantiku l-magnificat.

***Talba:*** Ruħna tfaħħar il-Mulej, u aħna nfaħħru lil Alla s-Salvatur tagħna, Issa kulħadd jista’ jara l-qawwa tiegħu li bidlet il-mixja tagħna. Meravijli kbar għamilt Int Mulej Int żejjint ħajjitna,tajtna familja fejn aħna nikbru, int poġġejtilna madwarna nies għorrief u ferħanin u iltqajna ma’ ħbieb sincieri. Il-Kliem Tiegħek isaħħaħ l-inċertzza tal-passi tagħna, Hu ma jħalliniex weħidna. Ruħi tfaħħar lill-Mulej is-Salvatur tagħna. AMMEN.

**Il-Ħamis, 21 ta' Diċembru**

***Imsejħin li nkunu Knisja Domestika.***

Qari: Luqa 1, 67-79 Il-Kantiku ta'Zakkarija (Il-Benedictus)

***Riflessjoni:*** Zakkarija kommos b'dak li ġara u mnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu ra fit-tarbija l-aħħar u l-akbar profeta, għax imur qabel il-Messija biex iħejji t-triq. Hu fil-kantiku juri l-fedeltà ta' Alla u l-wegħdiet Tiegħu u fl-istess ħin invit lill-familji biex jafdaw f'Alla, jemmnu fil-valur domestiku tal-knisja.

***Talba:*** O Mulej agħmel li kull familja tkun "Knisja Domestika" komunità li tgħix fil-fidi, fit-tama, u fl-imħabba, taqdi lil Alla u l-umanità. Li permezz tal-Kelma ta' Alla l-membri tal-familja jsibu bażi komuni ta' talb u tkun fonti ta' grazzja li twassal għall-qdusija. B'hekk il-membri tal-familja ikunu qed jipparteċipaw fil-missjoni tal-Knisja, is-salvazzjoni tad-dinja. AMMEN.

**Il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru**

***Imsejħin biex ikollna qalb li tħobb lil Ġesù u hekk nipparteċipaw fil-ferħ tiegħu.***

Qari: Ġwanni 1, 6-8; 19-28 Din is-silta titkellem fuq Ġwanni Battista li kellu jkun xhud tad-dawl li ġej.

***Riflessjoni:*** Ix-Xhieda li ta Ġwanni l-Battista meta ġie mistoqsi "Int min int?" Hu stqarr li mhuiex Kristu jew profeta. Meta komplew irrossuh għar-risposta hu stqarr "Jiena l-leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: wittu t-triq tal-Mulej, kif kien qal il-profeta Isaija." San Ġwann l-evanġelista dwar il-Battista jgħidilna li ġie biex jixhed għad-dawl, dawl li jdawwal kull bniedem.

***Talba:*** Ejja, Mulej Ġesù għax Inti d-dawl li jimliena bil-ferħ u tama. Agħmel Mulej li aħna lkoll ngħixu dan il-mument tan-novena, ta' stennija, bil-ħsieb u ċertezza tal-imħabba tiegħek lejna. Għinna biex aħna nkunu dawk li jġorru l-ferħ fil-familja, fuq il-post tax-xogħol, u madwarna, f'kull mument tal-ġurnata. AMMEN.



**Fil-Katidral Metropolitan**
**ta' San Pawl l-Imdina,**
**nhar is-6 ta' Diċembru**
**Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna**
**se jiftaħ uffiċjalment**
**il-Presepju Naplitan ta' 18-il seklu**
**xogħol ta' Dr. Rev. Edgar Vella.**

## PROGRAMM TAL-MILIED, TAL-AĦĦAR U L-BIDU TAS-SENA U TAL-EPIFANIJA

### Novena - Il-Ġimgħa 15 sal-Ġimgħa 22 ta' Diċembru

**5.30pm** Ružarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika *ara pagna 2.*
**6.00pm** Quddiesa.

### Novena fil-familja u mal-familja

Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali qed jorġaniza novena fejn kull familja ser jingħatalha Bambin u fuljett ta' talb għall-tlett ijiem, b'hekk ikun hemm tħejjija għall-festa tal-Milied. Il-membri tal-Kunsill Pastorali ser jiġu jistaqsukom tridux tieħdu sehem.

### Arti li tkellimna - It-Tlieta 19 ta' Diċembru



**6.30pm Fil-Kappellun tal-Kappella tas-Sm. Sagrament fil-Katidral**
Bħala preparazzjoni għall-festa tal-Milied, riflessjoni Artistika u Biblika fuq l-inkwadru tal-Annunzjazzjoni tal-Pittur Domenico Bruschi (1886).

Din ser titmexxa min Prof. Dun Pawl Sciberras Kap tad-Dipartiment tal-Iskritura Mqaddsa fil-Fakulta tat-Teologija tal-Universita ta' Malta. Il-kuntrast tal-kuluri vivaċi u ż-żewġ personaġġi ta' Marija u tal-Anġlu li dehrilha joħolqu atmosfera ta' divinità li tkompli tissebbaħ bid-dehra tal-Profeti li ħabbru t-twelid tal-Messija.

### Purċissjoni bil-Bambin - L-Erbgħa 20 ta' Diċembru



**Fis-6.30pm** Toħroġ mill-Knisja tal-Lunzjata tal-Patrijiet Karmelitani, bis-sehem tal-Banda l'Isle Adam. Din is-sena l-purċissjoni se ddur dawn it-toroq: Triq San Pietru, Triq l-Imħazen, Triq Mesquita, Triq Villegaigon u nispiċċaw bil-priedka ta' tifel fil-Knisja. Kulħadd hu mistieden kbar u żgħar.

## Lejliet il-Milied - Il-Ħadd 24 ta' Diċembru

**Filgħodu** Quddies normali bħal nhar ta' Ħadd.
**Fil-5.00pm** L-Ewwel Għasar Kantat u **fis-6.00pm** Quddiesa tal-ħin.
**Fl-10.00pm** Qrar.
**Fil-11.00pm** Kant tal-Għanjiet tal-Milied u Priedka ta' tifel.
**Fil-11.30pm** Translazzjoni ta' Ġesù Bambin.
Uffiċċju tal-Qari u Konċelebrazzjoni presjeduta minn
Mons Arċisqof Charles J. Scicluna flimkien mal-Kapitlu.

## Nhar il-Milied - It-Tnejn 25 ta' Diċembru

**Fid-9.00am** Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u Terza.
**Fid-9.30am** Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu.
**Fil-11.00am** Quddiesa.
**Fis-6.00pm** Quddiesa bl-Għasar.

## L-aħħar u l-bidu tas-Sena - Il-Ħadd 31 ta' Diċembru

**Fis-6.00pm** Konċelebrazzjoni u TE DEUM.

**Fl-1 ta' Jannar 2018** Quddies **fid-9.30am**, **fil-11.00am** u **fis-6.00pm**.

## Solennità tal-Epifanija - Is-Sibt 6 ta' Jannar 2018

**Fis-6.00pm** Quddiesa.

**Il-Ħadd 7 ta' Jannar fid-9.30am** Konċelebrazzjoni u
**fil-11.00am** u **fis-6.00pm** Quddiesa.

***L-Arċipriet flimkien mal-Kapitlu Metropolitan tal-Katidral u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali, jawgura l-Milied it-tajjeb u l-isbaħ xewqat għas-sena 2018 lill-parruċċani tal-Imdina, kif ukoll lil dawk li jagħmlu użu mis-servizzi tal-Katidral matul is-sena kollha.***

***Nawguraw lilek u l-familja tiegħek Milied hieni b'talba ta' San Franġisk. Din tista' tkun mument ta' għajnuna biex tidħol fik innifsek.***



*Il-Mulej ibierkek u jħarsek*
*jurik wiċċu u jkollu ħniena minnek*
*jitfa' ħarstu lejk u jagħtik il-paċi.*